

## II

(Attie mhux leġiżlattivi)

## REGOLAMENTI

## REGOLAMENT DELEGAT TAL-KUMMISSJONI (UE) 2021/268

tat-28 ta' Ottubru 2020

**li jemenda l-Anness IV tar-Regolament (UE) 2018/841 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-livelli ta' referenza għall-foresti li jeħtieġ jiġu applikati mill-Istati Membri għall-perjodu 2021–2025**

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) 2018/841 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta' Mejju 2018 dwar l-inklużjoni tal-emissjonijiet u l-assorbimenti ta' gassijiet serra minn użu tal-art, tibdil fl-użu tal-art u l-forestrija fil-qafas ta' politika għall-klima u l-enerġija għall-2030, u li jemenda r-Regolament (UE) Nru 525/2013 u d-Deċiżjoni (UE) Nru 529/2013/UE<sup>(1)</sup>, u b'mod partikolari l-Artikolu 8(8) tiegħu,

Billi:

- (1) L-Istati Membri ppreżentaw lill-Kummissjoni l-pjanijiet nazzjonali tal-kontabbiltà għall-forestrija, inkluż il-livelli ta' referenza għall-foresti proposti għall-perjodu mill-2021 sal-2025.
- (2) F'konformità mal-Artikolu 8(6) tar-Regolament (UE) 2018/841, il-Kummissjoni wettqet valutazzjoni teknika tal-pjanijiet nazzjonali tal-kontabbiltà għall-forestrija ppreżentati mill-Istati Membri, bil-ħsieb li tivvaluta kemm il-livelli ta' referenza għall-foresti proposti ġew iddeterminati f'konformità mal-prinċipiji u r-rekwiżiti stabbiliti fil-paragrafi 4 u 5 tal-Artikolu 8 u fl-Artikolu 5(1) ta' dak ir-Regolament.
- (3) Kif meħtieġ mill-Artikolu 8(6) tar-Regolament (UE) 2018/841 u f'konformità mal-impenn meħud matul in-negożjati ta' dak ir-Regolament, kif stabbilit fid-Dikjarazzjoni dwar l-involviment ta' esperti indirizzata lill-Parlament Ewropew, il-Kummissjoni, fit-30 ta' Ottubru 2018 stabbiliet grupp ta' esperti tal-Kummissjoni<sup>(2)</sup> ("il-grupp ta' esperti") inkaragħ li jassisti lill-Kummissjoni fit-twettiq tal-valutazzjoni teknika. Il-grupp ta' esperti kien jinkludi, fost l-oħrajn, esperti maħtura mill-Istati Membri u individwi maħtura fil-kapaċită personali tagħhom, li jaġixxu b'mod indipendenti u fl-interess tal-pubbliku, rappreżentanti tal-organizzazzjonijiet tar-riċerka u dawk nongovernattivi, u partijiet ikkonċernati.
- (4) Abbażi tal-fehma tal-grupp ta' esperti u l-valutazzjoni teknika, il-Kummissjoni ħarġet rakkomandazzjonijiet tekniċi lill-Istati Membri, bil-ħsieb li tiffaċilita r-reviżjoni teknika tal-livelli ta' referenza għall-foresti proposti. Il-Kummissjoni ppubblikat ir-rakkomandazzjonijiet tekniċi fit-18 ta' Ġunju 2019<sup>(3)</sup>.

<sup>(1)</sup> ČUL 156, 19.6.2018, p. 1.<sup>(2)</sup> Il-grupp ta' esperti tal-Kummissjoni għall-użu tal-art, it-tibdil fl-użu tal-art u l-forestrija (LULUCF) (E03638).<sup>(3)</sup> Id-Dokument ta' Ħidma tal-Persunal tal-Kummissjoni SWD(2019) 213 final tat-18 ta' Ġunju 2019 dwar il-Valutazzjoni tal-pjanijiet Nazzjonali tal-Kontabbiltà għall-Forestrija.

- (5) Kif meħtieġ mill-Artikolu 8(7) tar-Regolament (UE) 2018/841, abbażi tal-valutazzjoni teknika u tar-rakkomandazzjoni jiet tekniċi, l-Istati Membri rravedew il-pjanijiet nazzjonali tal-kontabbiltà għall-foresti tagħhom u f'xi każijiet, ipproponew livelli ta' referenza, u kkomunikaw l-informazzjoni lill-Kummissjoni. Fil-25 ta' Frar 2020, il-Kummissjoni ppubblikat il-livelli ta' referenza proposti u meta applikabbli, riveduti.
- (6) Il-grupp ta' esperti qabel li l-livelli ta' referenza għall-foresti li l-Kummissjoni qed tiproponi li jiġu inklużi fl-Anness IV tar-Regolament (UE) 2018/841, kienu ddeterminati f'konformità mal-prinċipji u r-rekwiżiti stabbiliti fil-paragrafi 4 u 5 tal-Artikolu 8 u fl-Artikolu 5(1) tar-Regolament (UE) 2018/841.
- (7) Għalhekk, jenħtieġ li l-Kummissjoni tistabbilixxi l-livelli ta' referenza għall-foresti li jeħtieġ jiġu applikati mill-Istati Membri għall-perjodu mill-2021 sal-2025.
- (8) Dan ir-Regolament huwa konformi mal-opinjoni tal-grupp ta' esperti għall-użu tal-art, it-tibdil fl-użu tal-art u l-forestrija tal-Kummissjoni,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

L-Anness IV tar-Regolament (UE) 2018/841 huwa emdat kif stabbilit fl-Anness ta' dan ir-Regolament.

*Artikolu 2*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħi fl-għoxrin jum wara dak tal-publikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, it-28 ta' Ottubru 2020.

*Għall-Kummissjoni  
Il-President  
Ursula VON DER LEYEN*

## ANNESS

Fl-Anness IV tar-Regolament (UE) 2018/841, tiżdied it-Taqsima C li ġejja:

**“C. Il-livelli ta’ referenza għall-foresti li jeħtieġ jiġu applikati mill-Istati Membri għall-perjodu mill-2021 sal-2025**

Stat Membru	Il-livell ta’ referenza għall-foresti għall-perjodu mill-2021 sal-2025 f’tunnellati ta’ ekwivalenti ta’ CO <sub>2</sub> kull sena
Il-Belġju	- 1 369 009
Il-Bulgarija	- 5 105 986
Iċ-Ċekja	- 6 137 189
Id-Danimarka	+ 354 000
Il-Ġermanja	- 34 366 906
L-Estonja	- 1 750 000
L-Irlanda	+ 112 670
Il-Greċja	- 2 337 640
Spanja	- 32 833 000
Franza	- 55 399 290
Il-Kroazja	- 4 368 000
L-Italja	- 19 656 100
Ċipru	- 155 779
Il-Latvja	- 1 709 000
Il-Litwanja	- 5 164 640
Il-Lussemburgu	- 426 000
L-Ungerija	- 48 000
Malta	-38
In-Netherlands	- 1 531 397
L-Awstrija	- 4 533 000
Il-Polonja	- 28 400 000
Il-Portugall	- 11 165 000
Ir-Rumanija	- 24 068 200
Is-Slovenja	- 3 270 200
Is-Slovakkja	- 4 827 630
Il-Finlandja	- 29 386 695
L-Iżvezja	- 38 721 000
Ir-Renju Unit	- 20 701 550”